

32004D0235

L 72/86

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

11.3.2004

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****ta' l-1 ta' Marzu 2004****tistabbilixxi garanziji supplementari rigward is-salmonella għall-konsenji fil-Finlandja u l-Iżvezja ta' tiġieġ li jbidu***(notifikata taħt id-dokument numru K(2004) 582)***(Test b'relevanza għall-FEE)**

(2004/235/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi il-Komunitá Ewropea,

Wara li kkunsidraw id-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE tal-15 ta' Ottubru 1990 fuq il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intrakomunitarju, u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta', tajr u bajd tat-tifqis <sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 9b <sup>(2)</sup> tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/161/KE tal-21 ta' April 1995 li tistabbilixxi garanziji supplementari regward is-salmonella għall-konsenji fil-Finlandja u l-Iżvezja ta' tat-tiġieġ li jbidu (2) ġiet emendata sinifikament <sup>(3)</sup>.

(2) Il-Kummissjoni approvat il-pjanijiet operazzjonali mogħtija mill-Finlandja u l-Iżvezja regward il-kontroll tas-salmonella. Dawn il-pjanijiet jinkludu miżuri speċifiċi għat-tiġieġ li jbidu, speċifikament tajr prodottiv kultivat bi skop li jipprodoċu bajd għall-konsum.

(3) Garanziji għandhom jieġu stabbiliti ekwivalenti ma dawk implementati mill-Finlandja u l-Iżvezja taħt il-pjanijiet operazzjonali tagħhom.

(4) Dawn il-garanziji supplementari ħa jkunu bbażati partikolarment fuq eżaminazzjoni mikrobioloġikali tat-tajr biex ikun mibgħut il-Finlandja u l-Iżvezja.

(5) Regoli għandhom jieġu stabbiliti għal dan l-eżaminazzjoni mikrobioloġikali ta' kampjuni billi tniżżel il-metodu ta' kampjunaġġ, in-numru ta' kampjuni biex jieġu meħuda u l-metodu mikrobioloġikali biex jeżamina l-kampjuni.

(6) Dawn il-garanziji ma għandhomx ikunu applikabbli għal kull qatgħa li hi suġġett għall-pjan rekonoxxut bħala ekwivalenti għal dak implementat mill-Finlandja u l-Iżvezja.

(7) Il-Finlandja u l-Iżvezja għandhom japplikaw għall-konsenji li joriġinaw mill-ħtiġijiet ta' importazzjoni ta' pajjiżi terzi li ma humiex anqas strinġenti minn dawk stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

(8) Il-metodi deskritti f'din id-Deċiżjoni jikkunsidraw l-opinjoni ta' l-Awtoritá Ewropea għas-Sigurtá ta' l-ikel.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Food Chain u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Tiġieġ li jbidu speċifikament tajr prodottiv kultivat bi skop li jipprodoċu bajd għall-konsum, biex jintbagħtu l-Finlandja u l-Iżvezja għandhom ikunu suġġett għall-prova mikrobioloġikali, effettwat minn kampjunaġġ fil-qatgħa ta' Oriġini.

*Artikolu 2*

Il-prova mikrobioloġikali msemmija fl-Artikolu li għandhom ikunu mħarrġa bħala dawk stabbiliti fl-ANNESS I.

<sup>(1)</sup> ĠU L 303, tal-31.10.1990, p. 6. Direttiva kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠUL 122, tas-16.5.2003, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU L 105, tad-9.5.1995, p. 44. Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 97/278/KE (ĠU L 110, tas-26.4.1997, p. 77)

<sup>(3)</sup> Ara l-Anness III.

*Artikolu 3*

1. Tiġieġ li jbidu għandhom jintbagħtu l-Finlandja u l-Isvezja għandhom ikunu akkompanjati biċ-ċertifikat li jidher fl-ANNEX II.
2. Iċ-ċertifikat provdut fil-paragrafu 1 jista':
  - altru ikun akkompanajt biċ-ċertifiakt mudell 3 ta' l-Anness IV tad-Direttiva 90/539/KEE,
  - jew ikun inkorporat fiċ-ċertifikat msemmi fl-ewwel inċiż.

*Artikolu 4*

Il-garanziji supplementari provduti f'din id-Deċiżjoni ma għandhomx ikunu aplikabbli għall-qatgħa suġġett għall-pjan rekonuxxut, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 32 tad-Direttiva 90/539/KEE, bħala ekwivalenti għal dik implementata mill-Finlandja u l-Isvezja.

*Artikolu 5*

Deċiżjoni 95/161/KE hi mħassra.

Referenzi tad-Deċiżjoni mħassra għandhom ikunu interpretati bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni u għandhom ikunu interpretati skond it-tabbella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, l-1 ta' Marzu 2004.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

\_\_\_\_\_

*L-ANNEX I***1. Ir-Regoli Ġenerali**

Il-qatgħa ta' oriġini għandu jkun iżolat għal 15 il ġurnata.

Il-prova mikrobioloġikali għandha tkun mħarġa matul l-għaxart ijiem qabel l-ispedizzjoni tal-konsenja.

Il-prova mikrobioloġikali għandha tinkludi s-sierotipi invasivi li ġejjin:

- *Salmonella gallinarum*,
- *Salmonella pullorum*,
- *Salmonella enteritidis*,
- *Salmonella berta*,
- *Salmonella typhimurium*,
- *Salmonella thompson*,
- *Salmonella infantis*.

**2. Il-metodu ta' kampjunaġġ**

Kampjuni ta' ħmieġ komposti, kull kampjun ikun kompost minn kampjuni separati ta' ħmieġ frisk, kull wieħed jiežen minn ta' l-anqas gramma waħda, għandhom jittieħdu indiskriminatament f'intervalli fil-bini fejn l-għasafar huma miżmuma jew, meta l-għasafar għandhom aċċess liberu għal aktar minn bini wieħed ta' l-azzjenda, meħuda f'kull grupp ta' bini ta' l-azzjenda fejn l-għasafar huma miżmuma.

**3. In-Numru ta' kampjuni biex jiġu meħuda**

In-numru ta' kampjuni għandhom jippermettu li jiskopru 95 % reabilitá - 5 % presenza ta' salmonella.

**4. Il-metodi mikrobioloġikali għall-eżaminazzjoni tal-kampjuni**

- Il-provi mikrobioloġikali ta' kampjuni tas-salmonella għandhom ikunu mħarġa fuq l-aħħar edizzjoni ta' l-istandard ta' l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali għall-Istandardazzjoni ISO 6579, jew b'laħħar edizzjoni tal-metodu deskritt mill-Kumitat Nordiku fuq l-Analázi ta' l-Ikel (NMKL metodu Nru 71).
- Billi r-riżultati ta' l-analázi huma kontestati bejn l-Istati Membri l-aħħar edizzjoni ta' l-istandard ta' l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali għall-Istandardazzjoni ISO 6579 għandhom ikunu kunsiderati bħala metodu ta' referenza.


---

## L-ANNEX II

## CERTIFICATION

Jien, l-uffiċjal veterinarju, sottoskritt, niċċertifika li t-tiġieġ li jbidu (tajr produttiv kultivat bi skop li jipproduka bajd għall-konsum) kien ġie provat b'riżu; tati negattivi skond ir-regoli mniżżla fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/235/KE tad-9 ta' Marzu 2004 tistabbilixxi garanziji supplementari regward is-salmonella għall-konsenji fil-Finlandja u l-isvezja tat-tiġieġ li jbidu <sup>(1)</sup> (tajr produttiv kultivat bi skop li jipproduka bajd għal konsum).

Magħmul fi ..... Data .....



.....  
Firma

.....  
Isem (b'kapitali)

.....  
Kwalifika

<sup>(1)</sup> ĠU L 72, tal-11.3.2004, p.86

## L-ANNEX III

**Deċiżjoni mħassra bl-emendament tagħha**

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/161/KE

(ĠU L 105, tad-9.5.1995, p. 44)

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/278/KE  
(L-Artikolu 2 biss)

(ĠU L 110, tas-26.4.1997, p. 77)

## L-ANNEX IV

**Tabella tal-korrelazzjoni**

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/161/KE	Din id-Deċiżjoni
L-Artikolu 1—4	L-Artikolu 1—4
L-Artikolu 5	—
—	L-Artikolu 5
L-Artikolu 6	L-Artikolu 6
L-Annessi I—II	L-Annessi I—II
—	L-Anness III
—	L-Anness IV